Minuti tal-Laqgħa Nru. 1 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar l-Erbgħa, 6 ta' Mejju 2015 fil-7.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sra. Denise Cutajar |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Kearon Bruno<br>Is-Sur. Eric C Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sinjura Elain Camilleri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |
| Preżenti wkoll | Dr. Ian Micallef (Kummissarju tal-Ġuramenti) |

## AĠENDA

---

1. Ġurament tal-Ħatra Sindku u Viċi Sindku

## 1.0 ĠURAMENT TAL-ĦATRA TAS-SINDKU U VIĊI SINDKU

1.1 Is-Segretarju ta briefing ta kif kienet se tkun iċ-ċerimonja tal-ġurnata fejn spjega il-partijiet tal-liġi li jitkellmu fuq din iċ-ċerimonja u ż-żmien li fih stipulat li ssir. Huwa qal li llum bħala l-ewwel laqgħa kellu jibdiha l-aktar kunsillier anzjan elett għall dik il-leġislatura. Huwa spjega li l-Kunsilliera preżenti diġa kienu ingħataw il-ġurament ta Kunsilliera f' ċerimonja li saret ġimgħa ilu.

1.2 Il-Kunsillier Victor beda b' talba qasira fejn huwa qara kif ġie r-riżultat tal-Elezzjoni tal-11 t' April fejn l-akbar ammont ta' voti fl-ewwel għadd reġa ġabhom il-Kunsillier. John Schembri. Huwa semma li skont il-liġi dan għandu jokkupa l-kariga ta' Sindku. Minn hemm huwa saqsa lis-Sur. Schembri hux lest li jokkupa din il-kariġa. Is-Sur. Schembri irrisponda fl-affermattiv. Dr. Micallef għaddha l-formola tal-ġurament li l-Kunsillier Schembri fejn huwa qara l-ġurament, biex is-Salib u ffirma l-ġurament. Il-Kunsillier Schembri issa kien ufficċjalment is-Sindku ta' Ħal Luqa għas seba' leġislatura.

1.3 Is-Sindku issa għadha biex jinnomina għall ġurament ta' Viċi Sindku t-tieni persuna li ġabet l-akbar ammont ta' voti apparti huwa. Huwa qara kif kienu ġew ir-riżultati tal-elezzjonijiet fejn semma li l-Kunsilliera Denise Cutajar ġabet 649 vot fl-ewwel għadd u skont il-liġi kellha tokkupa l-kariga ta' Viċi Sindku. Huwa saqsa lill-Kunsilliera Cutajar jekk hux lesta tokkupa din il-kariga fejn irrispondiet fl-affermattiv. Hija ingħatat il-ġurament mill-Kummissarju, bieset is-salib u ffirmat il-formoli tal-ġurament.

1.4 Wara dan kollu is-Sindku għamel l-ewwel indirizz tiegħu għal din il-leġislatura l-ġdida fil-preżenza tar-residenti ta' Ħal Luqa. Huwa semma kif fil-leġislatura preċedenti kien ħadem biex jinġiebu € 350,000 fondi Ewropej taħt il-proġett LEADER u kif huwa personalment issorvelja diversi proġetti kapitali u infrastrutturali ġewwa Ħal Luqa. Huwa irrefera għall prinċipji li kien jimxi bihom il-Kunsill preċedenti ta għaqda, stabbilita u kontinwita u ħeġġeġ lill-membri tal-Kunsill biex jimxi bl-istess mod. Fl-aħħar nett huwa irringrazzja lir-residenti preżenti u l-Kummissarju għall preżenza tagħhom.

## 6.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar l-Erbgħa 6 ta' Mejju 2015 fis-8.30 pm. Ma kienx hemm data proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________ 2015.

______________________ ______________________

John Schembri — Michael Portelli

Sindku — Segretarju Eżekuttiv